BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 04/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011 fis-1.30pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 03/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/05 -* Il-programm 'Konfini' li ser jibda jixxandar f'Lulju li ġej fuq One TV ser jibda jsir mil-lokalitajiet għal prezz ta' €1000 għal siegħa u kwart. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament qablet li tieħu sehem f'dan il-programm.

*02/05 -* Tressqet talba minn resident sabiex il-Kunsill jagħmel ittra ta' rakkomandazzjoni sabiex jibda l-proċedura għal ftuħ ta' stazzjon tar-radju tal-komunita' 'South End Radio' f'Birżebbuġa. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva minħabba li radju tal-komunita' iservi ta' ħafna ġid għal għaqdiet tal-lokal u għaldaqstant qablet li tħejji ittra ta' rakkomandazzjoni.

*03/05 -* L-operaturi ta' Country Style Outlet f'Birżebbuġa għamlu talba lill-Kunsill sabiex a spejjeż tagħhom jibdlu l-madum tal-bankina għal wieħed *non-slip*. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba pero' saħqet li jridu jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa kif ukoll il-madum għandu jkun ukoll approvat mill-Kunsill sabiex jibqa' fuq l-istess skema tal-prominad.

*04/05 -* Resident minn Birżebbuġa ressaq talba sabiex għal perijodu mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru jopera 'inflatable amusement park' fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

*05/05* - Il-Kamra ddiskutiet żewġ ittri ta' oġġezzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni li ttieħdet f'Awwissu 2010 tal-kjosks li jarmaw fil-festa tal-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kamra li t-Tnejn, 16 ta' Mejju 2011 saret it-tlugħ tal-polza sabiex jiġu allokati l-postijiet fi Triq San Patrizju u kulħadd ġie allokat posta ġdida. Il-Kamra reġgħet ikkonfermat id-deċiżjoni li kienet ħadet f'Awwissu 2010 dik li kull kjosk li jarma fil-festa jiġi rilokat għal Triq San Patrizju.

***AĠENDA -3***

Is-Segretarju Eżk. informat lill-Kamra fl-iżviluppi li saru fil-proġett 'Embellishment of the Rural Landscape of Birżebbuġa', li issa wasal fl-istadju tal-ħruġ tas-sejħiet pubbliċi. Is-Segretarju Eżk. informa l-Kamra li parti mill-fondi li applikajna għalihom ma kienux eleġibbli. S.Cuschieri issuġġeriet li għandna nfittxu *sponsors* sabiex inkopru l-ispejjeż li m'humiex koperti bil-fondi mill-E.U. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

- ***Kwotazzjoni Nru. 02/11 – Servizz għal tindif ta' promenade f'Birżebbuġa***

Kuntrattur Nru. 1 - Saviour Mifsud €6970
Kuntrattur Nru. 2 - Ronald Bezzina €10370
Kuntrattur Nru. 3 - Patrick Bonanno €7200

Wara diskussjoni l-Kamra għażlet lill-Kuntrattur Nru. 1 – is-Sur Saviour Mifsud peress li kien l-orħos wieħed.

- ***Kwotazzjoni Nru. 03/11 – Provista ta' linka/toners/fax rolls***

| Nru. | Kuntrattur | Item A | Item B | Item C | Item D | Item E | Item F | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Golden Gate Co. Ltd. | €71.92 | €47.50 x 4pcs | €33.25 | €30.29 | €18.32 | €162.84 | |
| 2 | Chossey DVD Rentals | - | - | €25.50 | €23.85 | - | €139.56 | |
| 3 | Ramilene Office Supplies | €61.36 | €14.16 x 1pcs | €23.01 | €20.65 | €15.30 | €150.00 | |
| 4 | Omni Stat Ltd. | - | - | - | - | €0.98 | - | Eliminated as Item E is paper rolls not fax rolls |
| 5 | Avantech Ltd. | - | €18.25 x 1pcs | - | - | - | - | |
| 6 | Smart Office Supplies Ltd. | €82.60 | €67.26 x 2pcs | €30.15 | €28.21 | €23.66 | €155.70 | |
| 7 | Office Essentials Ltd. | €64.20 | €36.95 x 1 pcs | €22.20 | €20.40 | €13.30 | €90.20 | |

Il-Kamra qablet li tagħżel fornituri differenti għal linka/toners/fax rolls skond l-orħos prezzijiet. Għaldaqstant ġew magħżula :

Ramilene Office Supplies – Item A
Golden Gate Co. Ltd. – Item B
Office Essentials Ltd. – Items C, D, E, F

- ***Kwotazzjoni Nru. 04/11 – Provista ta' Photocopy Paper***

| Nru. | Kuntrattur | Item 1 | Item 2 |
|---|---|---|---|
| 1 | Ramilene Office Supplies | €14.16 | €13.22 |
| 2 | Smart Office Supplies | €14.16 | €13.19 |
| 3 | Omni Stat Ltd. | €16.00 | €53.10 |
| 4 | Office Essentials Ltd. | €14.75 | €12.72 |

Il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 4 – Office Essentials Ltd. għal Item 2 filwaqt li Kuntratturi 1 u 2 – Ramilene Office Supplies u Smart Office Supplies rispettivament għal Item 1 għal perijodu ta' sitt xhur kull wieħed minħabba li kellhom l-istess prezzijiet.

- ***Kwotazzjoni Nru. 05/11 – Provista ta' Garbage Bags***

| Nru. | Kuntrattur | Item A | Item B | Item C |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Smart Office Supplies | €1.18 | €0.59 | €0.93 |
| 2 | Joseph Hili & Sons. Ltd. | €1.06 | €0.71 | €0.944 |
| 3 | Silvio Camilleri | €1.05 | €0.50 | €0.80 |

Il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 3 – Silvio Camilleri minħabba li kien l-orħos wieħed u s-*samples* provduti kienu ta' kwalita' tajba.

- ***Kwotazzjoni Nru. 06/11 – Provista u Printing ta' Letterheads u Complimentary Slips***

| Nru. | Kuntrattur | Item 1 | Item 2 & 3 |
|---|---|---|---|
| 1 | Union Print Co. Ltd. | Free | €123.90 |
| 2 | Smart Office Supplies | Free | €176.41 |
| 3 | Impressions Ltd. | Free | €223.02 |

Il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 – Union Print Co. Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' April 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €52,786.93 titħallas skond Skeda Nru. 04/11.

***AĠENDA -6***

1. Is-Segretarju Eżk. informat lill-Kamra li :

   - Nhar is-Sibt, 28 u l-Ħadd, 29 ta' Mejju 2011 ser tittella' attivita' 'Nostalġija' mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 fi Ġnien L-Indipendenza, f'Misraħ Ir-Repubblika, Birżebbuġa.

   - L-amministrazzjoni qed tħejji s-sejħiet pubbliċi għal (a) Provista u Installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fl-uffiċini tal-Kunsill u (b) Servizz ta' Contracts Manager. Ukoll imminenti li joħorġu s-sejħiet pubbliċi li għandhom x'jaqsmu mal-Measures 313 u 323.

   - Hemm bżonn tinbidel l-uniformi tal-ħaddiema. Din ilha tintuża għal aktar minn seba' snin. Il-Kamra unanimament qablet li din għandha tinbidel.

2. Is-Segretarju Eżk. ressaq proposta ta' tisbiħ f'Wesgħa Carmelo Caruana min-naħa ta' Polidano Bros. Ltd. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan it-tisbiħ bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa, li l-*embellishment* ikun komplimentuż mal-madum li diġa hemm kif ukoll li l-*area* ta' quddiem il-lukanda tibqa' bħala passaġġ u għal ebda raġuni ma tkun tista' tingħalaq. Ukoll il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti proposta għal *underground LPG Bulk Vessel*. Il-Kamra unanimament ma qablitx li dan it-tank għandu jitpoġġa fis-sit propost, taħt it-taraġ ta' Wied il-Buni, minħabba l-periklu li jinħoloq u għaldaqstant il-Kamra toġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

3. R.Zahra informa l-Kamra fir-rigward tal-laqgħa li kellu ma' Electro Waste Malta Ltd.. Dawn jiġbru bċejjeċ tal-ħwejjeġ li jkunu ser jintremew sabiex jirriċiklawhom. Ukoll hu ppropona laqgħa ma' tal-ħwienet fir-rigward ta' ġbir ta' skart. Kulħadd qabel.

4. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li f'mogħdija biswit Triq Belle-Isle intefa' tarmak ħażin. Is-Sindku nforma l-Kamra li dan it-tarmak sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u ntefa' minn xi ħadd irresponsabbli. S.Cuschieri saħqet li din il-mogħdija għandha tingħalaq. Ukoll S.Cuschieri saħqet li meta jinqata' l-ħaxix dan għandu jinġabar immedjatament sabiex jiġi evitat li jinfirex. Ukoll S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni li hemm bandla mkissra fi Ġnien il-Kunsill u li hemm bżonn issir *Zebra Crossing* fi Triq San Ġorġ għal dawk li jiġu min-naħa tal-Qajjenza.

5. T.Roberts ressaq stima ta' festun lill-Kamra. Stima għal festun kif kien hemm qabel. J.Baldacchino issuġġerixxa li festun għandu jsir aħjar minn kif kien. Il-Kamra qablet li għandha tinħareġ kwotazzjoni sabiex isir festun ġdid b'teknoloġija aħjar. Ukoll T.Roberts issuġġerixxa li l-Kunsill għandu bżonn jixtri *generator* żgħir. Il-Kamra qablet maż-żewġ suġġerimenti.

6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq id-diversi lmenti li qed jidħlu l-Kunsill fir-rigward tal-latrini pubbliċi ta' Wied il-Buni. R.Zahra informa l-Kamra li kull meta spezzjona l-latrini pubbliċi dejjem sabhom nodfa pero' qed ikun hemm ħafna tkissir matul il-lejl minn persuni irresponsabbli. Dwar dan hemm rapporti l-għassa. Il-Kamra qablet li hemm bżonn li jkun hemm aktar spezzjonijiet sabiex nivverifikaw li l-Kuntrattur qiegħed jimxi mal-ispeċifikazzjonijiet tat-tender.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa 4.00pm. Seduta oħra ser issir nhar, il-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2011 fis-2.30pm.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

**Kunsill Lokali: Birzebbuga**

**Skeda Nru. 04/11**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 01/04/2011 sa 30/04/11**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Andrew Fleri Soler | €30.00 | €30.00 | D | PF | Photocopier repairs | 12/04/11 | 157 | 2360 | 45 |
| 2 | Saviour Mifsud | €2,549.80 | €2,549.80 | T | PF | Grass Cutting February 2011 | 28/02/11 | 145 | 3052 | 46 |
| 3 | Saviour Mifsud | €1,146.65 | €1,146.65 | T | PF | Grass Cutting March 2011 | 31/03/11 | 146 | 3052 | 46 |
| 4 | J. Farrugia Ironmongery | €256.23 | €256.23 | K | PF | Various Hardware Supplies | 17/03/11 | 442 | 2240 | 47 |
| 5 | Charlie Fenech | €1,452.00 | €1,452.00 | T | PF | Tipper Truck March 2011 | 31/03/11 | No. 3 | 2720 | 48 |
| 6 | Maria Fenech | €17.00 | €17.00 | D | PF | Cleaning Of Hall | 29/03/11 | - | 3055 | 49 |
| 7 | Swallow Ltd | €251.55 | €251.55 | K | PF | Trips March 2011 | 01/04/11 | 26 | 2720 | 50 |
| 8 | GO plc | €408.01 | €408.01 | D | PF | Telephone Expenses February 2011 | 14/03/11 | 301769 | 2160 | 51 |
| 9 | GO plc | €19.66 | €19.66 | D | PF | Telephone Expenses February 2011 | 14/03/11 | 301771 | 2160 | 51 |
| 10 | Chossey DVD | €49.00 | €49.00 | D | PF | Computer Supplies | 28/03/11 | JA 56 | 2620 | 52 |
| 11 | Pauline Ellul | €76.00 | €76.00 | D | PF | Office Cleaning March 2011 | 31/03/11 | - | 3055 | 54 |
| 12 | Mario Mallia | €329.40 | €329.40 | K | PF | Road Paint | 29/03/11 | 1061 | 2314 | 55 |
| 13 | M.G. Pulis | €40.40 | €40.40 | D | PF | Parts | 02/04/11 | A 001569 | 2240 | 56 |
| 14 | Zurrieq Joint Committee | €3,655.61 | €3,655.61 | T | PF | LES Expenses February 2011 | 28/02/11 | JC-002 BZG | 3060 | 57 |
| 15 | ARMS Ltd | €551.48 | €551.48 | D | PF | Water & Electricity 26/11/2010 - 15/02/2011 | 22/03/11 | 370075 | 2130 | 58 |
| 16 | ELC | €1,147.92 | €1,147.92 | T | PF | Upkeep Public Gardens March 2011 | 31/03/11 | No. 3 | 3061 | 60 |
| 17 | New Era Waster Services | €1,939.58 | €1,939.58 | T | PF | Street Cleaning March 2011 | 31/03/11 | No. 3 | 3051 | 61 |
| 18 | Ronald & Chris Bezzina | €332.92 | €332.92 | T | PF | Cleaning of Public Places March 2011 | 31/03/11 | No. 3 | 3060 | 62 |
| 19 | Ronald & Chris Bezzina | €1,017.29 | €1,017.29 | T | PF | Upkeep Of Public Convenience March 2011 | 31/03/11 | No.3a | 3053 | 62 |
| 20 | WasteServ Malta Ltd | €3,637.67 | €3,637.67 | D | PF | Tipping Fees February 2011 | 15/03/11 | IN 007178 | 2130 | 80 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,908.17** | **€18,908.17** | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,908.17** | **€18,908.17** | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:** 04\11

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Birzebbuga**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 01/04/2011 sa 30/04/11**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ronald & Chris Bezzina | €256.50 | €256.50 | T | PF | Bulky Refuse March 2011 | 31/03/11 | No.3b | 3042 | 62 |
| 22 | Ronald & Chris Bezzina | €30.00 | €30.00 | T | PF | Extra Work March 2011 | 30/03/11 | 20 | 3060 | 62 |
| 23 | M.V. Camilleri | €250.00 | €250.00 | D | PF | Topographic & Levelling Survey | 30/03/11 | s2411 | 3130 | 63 |
| 24 | Tino 2000 | €64.89 | €64.89 | D | PF | Office Supplies | 22/03/11 | 164350/168503 | 2670 | 81 |
| 25 | ELC | €1,147.92 | €1,147.92 | T | PF | Cleaning Of Public Places April 2011 | 30/04/11 | No. 4 | 3061 | 87 |
| 26 | New Era Waste Servuces | €1,939.58 | €1,939.58 | T | PF | Street Cleaning April 2011 | 30/04/11 | No. 4 | 3051 | 88 |
| 27 | Ronald & Chris Bezzina | €1,017.29 | €1,017.29 | T | PF | Upkeep Of Public Conv. April 2011 | 30/04/11 | No. 4 | 3060 | 89 |
| 28 | Ronald & Chris Bezzina | €332.92 | €332.92 | T | PF | Upkeep Of Public Places April 2011 | 30/04/11 | No.4b | 3053 | 89 |
| 29 | Smart Office Supplies Ltd | €24.78 | €24.78 | K | PF | Stationery | 05/04/11 | 21673 | 2620 | 90 |
| 30 | Smart Office Supplies Ltd | €112.72 | €112.72 | K | PF | Stationery | 14/04/11 | 21956 | 2620 | 90 |
| 31 | M.G. Pulis | €42.65 | €42.65 | D | PF | Parts | 06/04/11 | A 001578 | 2240 | 91 |
| 32 | JM Installations | €841.49 | €841.49 | T | PF | Lighting Repairs & Maintenance | 02/04/11 | 642 | 2370 | 92 |
| 33 | J. Farrugia Ironmongery | €227.53 | €227.53 | K | PF | Various Hardware Supplies | 05/04/11 | 443 | 2240 | 93 |
| 34 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & Support Apr - June 2011 | 06/04/11 | SIN024657 | 2670 | 94 |
| 35 | Errenne Business Advisors | €350.00 | €350.00 | K | PF | Accountacy Fees | 17/03/11 | RB/BS/000556 | 3160 | 95 |
| 36 | Anthony Minuti | €58.23 | €58.23 | D | PF | Upkeep | 01/04/11 | - | 3052 | 96 |
| 37 | TCTC | €100.00 | €100.00 | D | PF | Leaflets | 11/04/11 | 26312 | 2650 | 97 |
| 38 | Zurrieq Joint Committee | €4,397.02 | €4,397.02 | T | PF | LES Expenses March 2011 | 31/03/11 | JC-003 BZG | 3060 | 98 |
| 39 | DOI | €130.00 | €130.00 | D | PF | Governmnet Gazette Subscription | 02/02/11 | | 2625 | 99 |
| 40 | Melita Cable Television | €15.47 | €15.47 | D | PF | Internet | 01/04/11 | 32022 | 2160 | 100 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,755.84** | **€11,755.84** | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€18,908.17** | **€18,908.17** | | | | | | | |
| | **Total** | **€30,664.01** | **€30,664.01** | | | | | | | |

Sindku　　Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:** 04\11

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier　　Kunsillier

**Skeda Nru. 04/11**

**Kunsill Lokali: Birzebbuga**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 01/04/2011 sa 30/04/11**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Regjun Nofsinhar | €125.00 | €125.00 | D | PF | Legal Services | 03/03/11 | | 3140 | 59 |
| 42 | OPM | €39.25 | €39.25 | D | PF | Advert | 26/04/11 | | 2940 | 66 |
| 43 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | €95.00 | €95.00 | D | PF | Laqgha tas-Sindki | | | 2630 | 67 |
| 44 | Ghaqda Armar tal-Festa | €236.00 | €236.00 | D | PF | Decorations | 09/05/11 | | 3370 | 74 |
| 45 | Michael Magro | €162.50 | €162.50 | D | PF | Magazine Distribution | 30/03/11 | | 2650 | 77 |
| 46 | Raymond Vella | €162.50 | €162.50 | D | PF | Magazine Distribution | 30/03/11 | | 2650 | 78 |
| 47 | RVS Ltd. | €7,630.00 | €7,630.00 | T | PF | Refuse Collection | 30/04/11 | 04\11 | 3041 | 82 |
| 48 | Mary Jane Cutajar | €1,048.22 | €1,048.22 | T | PF | Garage Rent | 01/02/11 | | 2400 | 75/76 |
| 49 | Petty Cash | €150.00 | €150.00 | D | PF | Petty Cash Payments | 31/03/11 | | Various | 64 |
| 50 | The Malta Horticultural Society | €4.66 | €4.66 | D | PF | Subscription | 31/03/11 | | 2630 | 65 |
| 51 | Salaries & Wages | €4,794.55 | €4,794.55 | D | PF | Salaries and Wages April 2011 | 30/04/11 | | 1100-1200 | 41-44 68-69 |
| 52 | Commisioner of Inland revenue | €2,563.08 | €2,563.08 | D | PF | PAYE & NIC January 2011 | 31/01/11 | | 1501-1503 | 70 |
| 53 | Commisioner of Inland revenue | €1,606.26 | €1,606.26 | D | PF | PAYE & NIC February 2011 | 28/02/22 | | 1501-1503 | 71 |
| 54 | Commisioner of Inland revenue | €1,870.64 | €1,870.64 | D | PF | PAYE & NIC March 2011 | 31/03/11 | | 1501-1503 | 72 |
| 55 | Commisioner of Inland revenue | €1,635.26 | €1,635.26 | D | PF | PAYE & NIC April 2011 | 30/04/11 | | 1501-1503 | 73 |
| 56 | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€22,122.92** | **€22,122.92** | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€30,664.01** | **€30,664.01** | | | | | | | |
| | **Total** | **€52,786.93** | **€52,786.93** | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:** 04\11

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier